IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.1.2016
COM(2016) 7 final

2016/0002 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI**

{SWD(2016) 4 final}
{SWD(2016) 5 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-kooperazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri u l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali ta' persuni ħatja hija pedament neċessarju ta' qasam komuni ta' ġustizzja u sigurtà li jiffunzjoni sewwa.

Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni f'diversi okkażjonijiet iddikjaraw l-importanza li titjieb is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) eżistenti. Id-Dikjarazzjoni ta' Riga tad-29 ta' Jannar 2015 maħruġa mill-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni enfasizzat li l-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni kriminali hu importanti f'kull strateġija li tiġġieled kontra l-kriminalità u t-terroriżmu[1]. Fl-20 ta' Novembru 2015, il-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni kkonkluda li, ikun tajjeb għar-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti jekk l-Istati Membri jużaw l-ECRIS bil-potenzjal kollu tagħha u jekk il-Kummissjoni tissottometti proposta għall-estensjoni tal-ECRIS biex tkopri ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi[2]. Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu li saru fl-istess jum, il-Kunsill tal-Ministri kkommetta lill-Istati Membri biex jużaw l-ECRIS bil-potenzjal kollu tagħha u laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li sa Jannar 2016 tissottometti proposta ambizzjuża biex l-ECRIS tiġi estiża u tkopri ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi[3]. Il-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Diċembri 2015 tenna li l-attakki terroristiċi reċenti wrew b'mod partikolari l-bżonn urġenti li tiġi skambjata iktar informazzjoni dwar l-attività terroristika, b'mod partikolari fir-rigward tal-estensjoni tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi[4].

It-titjib ta' ECRIS hu wkoll parti mill-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[5]. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-valur miżjud tal-miżuri tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni, il-kooperazzjoni operattiva u appoġġ ieħor u ħaditha f'idha li tgħaġġel ix-xogħol li diġà beda biex titjieb l-ECRIS għaċ-ċittadini tal-UE u tassigura li tkun implimentata b'mod effettiv.

L-ECRIS hi sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni preċedenti li ngħataw kontra persuna speċifika mill-qrati kriminali fl-UE għall-iskopijiet ta' proċedimenti kriminali kontra persuna u jekk tkun tippermetti l-liġi nazzjonali, għal skopijiet oħra. Is-sistema hi bbażata fuq id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI[6].

---

1 Id-Dikjarazzjoni ta' Riga tal-Ministri Ewropej tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tad-29 ta' Jannar 2015, dok 5855/15.

2 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar it-tisħiħ tar-reazzjoni għall-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, l-20 ta' Novembru 2015 dok 14419/15.

3 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu tal-20 ta' Novembru 2015, dok 14406/15.

4 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Diċembru 2015, dok EUCO 28/15.

5 "L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' April 2015, COM(2015)185 finali.

6 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (Deċiżjoni Qafas), ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar it-twaqqif

Il-prinċipju sottostanti tal-ECRIS hu li informazzjoni kompluta dwar kundanni preċedenti ta' ċittadin tal-UE tkun tista' tinkiseb mill-Istat Membru tan-nazzjonalità ta' dik il-persuna. Stati Membri li joħorġu kundanna jridu jinnotifikaw informazzjoni u aġġornamenti relatati ma' kundanni mogħtija lil ċittadin ta' Stat Membru ieħor lill-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu. L-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu jrid jaħżen din l-informazzjoni u b'hekk jista' jipprovdi informazzjoni eżawrjenti, aġġornata[7] dwar ir-rekords kriminali taċ-ċittadini tiegħu meta jintalab, irrispettivament minn fejn fl-UE jkunu ngħataw il-kundanni.

Formati elettroniċi standardizzati[8] jippermettu komunikazzjoni effiċjenti u li tinftiehem immedjatament fil-lingwi kollha tal-UE u fi żmien skadenzi qosra[9]. Awtoritajiet ċentrali nominati f'kull Stat Membru huma l-punti ta' kuntatt fin-netwerk ECRIS li jieħdu ħsieb il-kompiti kollha bħal pereżempju n-notifika, l-ħażna, it-talba u l-għoti ta' informazzjoni dwar rekords kriminali.

Għalkemm illum hu possibbli li tiġi skambjata informazzjoni dwar kundanni li jikkonċernaw ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni bla nazzjonalità (minn hawn 'il quddiem: TCN) permezz tal-ECRIS, m'hemm imħaddma l-ebda proċedura/mekkaniżmu biex dan isir b'mod effiċjenti minħabba r-raġunijiet segwenti:

- Billi TCN m'għandhom l-ebda ċittadinanza ta' Stat Membru, biex tinkiseb ħarsa ġenerali kompluta tal-istorja tar-rekords kriminali ta' individwu partikolari, it-talbiet iridu jintbagħtu lill-Istat(i) Membru/i kollha li joħorġu kundanna. Ġeneralment, Stat Membru li jagħmel talba ma jkunx jaf f'liema Stat(i) Membru/i TCN partikolari jkun ġie kkundannat qabel.
- Jekk Stat Membru wieħed ikun irid jikseb din l-informazzjoni, dan ikollu jibgħat talbiet lill-Istati Membri kollha ('talbiet ġenerali'). Dan joħloq piż amministrattiv fl-Istati Membri kollha, inkluż fil-pajjiżi (il-maġġoranza) li ma jkollhomx l-informazzjoni mitluba. Il-piż amministrattiv ta' "talbiet ġenerali" jammonta għal stima ta' EUR 78 miljun kull sena jekk l-Istati Membri kellhom jitolbu informazzjoni kull darba li TCN iffaċċa kundanna. L-ispejjeż ta' meta twieġeb "talbiet ġenerali" mhumiex ikkumpensati b'benefiċċju ekwivalenti, u fil-fatt, jintilfu minħabba li l-maġġoranza tat-tweġibiet ma jagħtux riżultati. Dan hu ta' detriment b'mod speċjali għal Stati Membri iżgħar li jintalbu jirrispondu għat-talbiet kollha mingħajr ma jkunu neċessarjament mgħammra biex jagħmlu dan. Barra minn hekk, mewġa ta' talbiet mhux neċessarji, tippreġudika l-kunfidenza fl-affidabilità u l-funzjoni tan-netwerk ECRIS b'mod globali, billi l-utenti jistgħu jikkonkludu li l-ineffiċjenza tal-ECRIS-TCN hi indikattiva tal-ineffiċjenza tal-ECRIS b'mod globali.
- Fil-prattika, l-Istati Membri jevitaw li jibagħtu "talbiet ġenerali" u ħafna drabi jserrħu fuq informazzjoni maħżuna fir-reġistri nazzjonali tar-rekords kriminali tagħhom. Dan ifisser li l-informazzjoni kompluta fl-istorja tar-rekords kriminali ta' TCN ħafna drabi ma tkunx disponibbli għall-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri. Fil-fatt,

---

ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33.

7 Ikun fihom informazzjoni dwar in-natura tar-reat, il-kundanna u sanzjonijiet relatati jew miżuri oħra.

8 [8]Meta jiskambja rekords kriminali permezz tal-ECRIS, Stat Membru jirreferi għal kodiċi kif stabbiliti fit-tabelli tal-reati u s-sanzjonijiet, inkluż il-parametri relatati mal-grad ta' kompletar u l-livell ta' parteċipazzjoni u fejn japplika, l-eżistenza ta' eżenzjoni totali jew parzjali mir-responsabbiltà kriminali.

9 Skont id-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, tweġibiet għal talbiet għall-iskopijiet ta' proċeduri kriminali, għandhom ikunu trażmessi immedjatament u fi kwalunkwè każ fi żmien 10 ijiem ta' xogħol. Għad-dettalji, ara l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI.

għalkemm fl-2014 ġew ikkundannati 558 000 TCN f'19-il Stat Membru, 23 000 talba biss (minn 25 Stat Membru li qed jipparteċipaw fl-ECRIS illum) relatata mal-kundanni ta' TCN saret fl-ECRIS.

L-objettiv tal-proposta hi kompletament konformi mal-prijorità tal-Kummissjoni li tiġġieled kontra l-kriminalità u t-terroriżmu transkonfinali bħala responsabbiltà komuni Ewropea f'Żona ta' Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja. Din hi waħda mill-inizjattivi tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà. Din tassigura li l-ECRIS tkopri l-informazzjoni ta' rekords kriminali kemm ta' ċittadini tal-UE u kemm tat-TCN.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Miżuri oħra tal-UE previsti fil-kuntest ta' skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ma jsolvux jew iħaffu l-problema tal-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali ineffiċjenti rigward TCN ikkundannat. M'hemm l-ebda alternattiva biex jitjieb il-mod ta' skambju ta' informazzjoni rigward kundanni kriminali ta' TCN permezz ta' ECRIS b'xi strument ieħor ta' skambju ta' informazzjoni msemmi fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (bħal pereżempju SIS II, Prüm u Eurodac), billi dawn huma ddisinnjati biex iservu għanijiet differenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-titjib tal-ECRIS fir-rigward ta' TCN hu parti mill-istrateġija mniżżla fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà. Barra dan, l-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali tappoġġa l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI[10], li tistipula li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri għandhom, waqt proċedimenti kriminali, jikkunsidraw kundanni preċedenti li jkunu ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħra, irrispettivament miċ-ċittadinanza tal-persuna kkonċernata.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi legali**

L-istrument legali propost hu Direttiva bbażata fuq l-Artikolu 82(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 82(1)(d) hu l-bażi legali għad-dritt tal-Unjoni biex taġixxi fil-qasam ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' proċedimenti f'materji kriminali u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet. L-azzjoni proposta tinkwadra eżatt fi ħdan dan il-qasam. Il-proposta temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE f'dan il-qasam.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklussiva)**

It-titjib tas-sistema eżistenti biex tiġi skambjata informazzjoni ta' rekords kriminali fuq TCN ikkundannat ma jistax isir fil-livell ta' Stat Membru. Mekkaniżmu komuni li jimmira lejn skambju ta' informazzjoni standardizzat, rapidu, koordinat u effiċjenti bejn l-Istati Membri jeħtieġ azzjoni konkreta. Dan ma jistax jinkiseb la unilateralment fil-livell ta' Stat Membru u lanqas bilateralment bejn Stati Membri. Huwa kompitu li bin-natura tiegħu jrid isir fil-livell tal-UE.

[10] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda, ĠU L 220, 15.8.2008, p. 32.

- **Proporzjonalità**

L-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni ta' rekords kriminali, hu strumentali fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali u jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli biex jitpoġġa fil-prattika l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzarji f'qasam komuni ta' ġustizzja u sigurtà fejn in-nies jiċċaqalqu b'mod ħieles. Għalhekk, l-azzjoni fuq livell tal-UE hi proporzjonali għall-għanijiet tal-inizjattiva.

Il-bidliet proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jinkiseb l-għan ta' kooperazzjoni ġudizzjarja transkonfinali, u jibnu fuq dak li hu applikat diġà fl-ECRIS eżistenti għaċ-ċittadini tal-UE. L-obbligu li jinħażnu l-marki tas-swaba' tat-TCN hu meqjus neċessarju biex tiġi assigurata l-identifikazzjoni iktar sigura tat-TCN. Ħafna drabi, li tiġi stabbilita l-identità tat-TCN hi partikolarment diffiċli jekk mhux impossibbli, pereżempju minħabba li d-dokumenti affidabbli tal-identità ma jkunux jeżistu jew ikunu neqsin, jew minħabba kunjomijiet komuni użati ħafna.

Fost ħafna opzjonijiet eżistenti, intgħażlet l-iktar opzjoni proporzjonata: sistema deċentralizzata biex jiġu identifikati l-Istati Membri li għandhom informazzjoni ta' rekords kriminali ta' TCN, ibbażata fuq index-filter li fih data ta' identità anonimizzata ta' TCN ikkundannat estratta minn reġistri ta' rekords kriminali nazzjonali u fuq mekkaniżmu ta' tfittxija "hit/no-hit". "Hit" tindika li informazzjoni ta' rekords kriminali fuq it-TCN hi disponibbli u turi li l-Istati Membri li jistgħu jipprovdu l-informazzjoni. Imbagħad, l-Istati Membri identifikati jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni kompluta permezz tal-ECRIS stabbilita.

Is-sistema tkun organizzata b'mod deċentralizzat. L-Istati Membri jkollhom joħorġu d-data tal-identità mir-rekords kriminali tagħhom u jitfgħuha f'fajl separat. Softwer speċifiku jikkonverti b'mod irriversibbli d-data dwar l-identità personali f'locks u keys, l-index-filter. L-index-filter ikun distribwit lill-Istati Membri l-oħra kollha u jippermettilhom li jfittxu b'mod indipendenti fil-binjiet tagħhom stess. Għalhekk, l-index-filter ma jkunx fih data personali iżda jippermetti lill-Istati Membri riċeventi jqabblu d-data tagħhom miegħu u jsibu jekk jeżistux entrati oħra fir-rekords kriminali fi Stati Membri oħra. Stati Membri jkollhom jibagħtu index-filters nazzjonali aġġornati lill-Istati Membri kollha jekk xi data fl-index-filters tinbidel jew tiġi aġġornata.

Din is-soluzzjoni tilħaq b'mod sodisfaċenti l-għanijiet tal-proposta leġiżlattiva, billi tintroduċi mekkaniżmu fil-qafas ta' ECRIS biex jiġu identifikati b'mod effiċjenti, Stati Membri li għandhom informazzjoni kriminali dwar TCN. Dan jevita talbiet "ġenerali" ineffiċjenti u li jiswew il-flus u għalhekk jelimina r-raġuni għaliex bħalissa Stati Membri ma jużawx l-ECRIS għal TCN.

Is-sistema deċentralizzata ma teħtieġx li jiġi stabbilit saff addizzjonali fil-livell tal-UE fejn id-data personali ta' TCN tkun ċentralizzata, li ma jeżistix lanqas għaċ-ċittadini tal-UE. Għalhekk hi m'għandhiex bżonn ta' protezzjoni tad-data u sigurtà addizzjonali fil-livell tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

It-test leġiżlattiv li jrid jiġi emendat hu Deċiżjoni Qafas, jiġifieri strument li jorbot lill-Istati Membri bir-riżultat li jrid jinkiseb iżda jħalli l-għażla tal-forma u l-metodu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Strument legali simili ieħor, jiġifieri direttiva, intgħażlet għalhekk

għall-att leġiżlattiv li jemenda, billi ħafna mill-obbligi jridu jiġu ppromulgati fil-liġi nazzjonali.

Direttiva tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali biex jagħżlu l-forma u l-metodu tat-traspożizzjoni, eż. Rigward it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u r-reġistri nazzjonali li se jintużaw biex tkun estratta data dwar l-identità għall-iskop tal-iskambju sussegwenti mal-Istati Membri l-oħra. Minħabba li l-Istati Membri jridu jadattaw ir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom biex ikunu jistgħu jittrattaw it-talbiet il-ġodda li ser jiġu fuqhom, direttiva hi iktar adattata bħala strument legali minn regolament, għax tkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha u tħalli inqas flessibilità għall-awtoritajiet nazzjonali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI jipprovdi iktar informazzjoni dwar kif qiegħda taħdem is-sistema eżistenti, iżda ma jiffokax speċifikament fuq l-iskambju ta' informazzjoni dwar TCN. Madankollu, il-konsultazzjoni mal-Istati Membri wriet b'mod ċar, il-punt, limitat ħafna, sa fejn tintuża l-ECRIS biex tiġi skambjata informazzjoni dwar TCN ikkundannat, u r-raġunijiet għaliex.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

F'konformità mal-istandards minimi tal-Kummissjoni rigward il-parteċipazzjoni u l-ftuħ għall-fehmiet tal-partijiet konċernati ippreżentati fil-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar[11], ġiet żviluppata strateġija ta' konsultazzjoni biex tiġi assigurata parteċipazzjoni wiesgħa tul iċ-ċiklu tal-politika ta' din l-inizjattiva. Din l-istrateġija kienet ibbażata fuq taħlita ta' konsultazzjonijiet immirati (kuntatti bilaterali, laqgħat tal-partijiet koċernati u l-esperti, konsultazzjonijiet bil-miktub), li jipprovdu lill-Kummissjoni b'għażliet infurmati tajjeb u rappreżentattivi. Il-Kummissjoni fittxet fehmiet wisgħin u bilanċjati dwar din il-materja billi tat l-opportunità lill-partijiet rilevanti kollha (Stati Membri, awtoritajiet nazzjonali, avukati u akkademiċi, partijiet konċernati dwar id-drittijiet fundamentali, partijiet konċernati dwar il-protezzjoni tad-data) biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, b'mod partikolari, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) u l-Grupp ta' Ħidma skont l-Art.29 kompost mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri.

L-Istati Membri kollha appoġġaw opzjoni regolatorja u mekkaniżmu bbażat fuq index-filter "hit/no hit". Approċċ deċentralizzat kiseb appoġġ sostanzjali, bil-kundizzjoni li s-softwer tal-implimentazzjoni jkun installat, integrat u miżmum sew fil-livell ta' Stat Membru u li jkun hemm appoġġ finazjarju (għotjiet) disponibbli. Xi Stati Membri ffavorew is-soluzzjoni ċentralizzata, billi kkunsidraw li tkun tirrikjedi inqas sforz biex tiġi implimentata fil-livell ta' Stat Membru, tqum inqas flus għall-Istati Membri u tiżgura iktar approċċ komuni tal-Istati Membri. Xi Stati Membri kienu indeċiżi.

Il-vantaġġi prattiċi tal-marki tas-swaba' rigward l-identifikazzjoni ta' persuna ġew rikonoxxuti minn ħafna Stati Membri. Dan tassew hu l-uniku mod kif tkun żgur mill-identità

11 SWD(2015) 111

ta’ persuna. Dan hu importanti ħafna billi l-awtoritajiet ġudizzjarji huma repsonsabbli għall-eżattezza tal-informazzjoni miżmuma f’rekords kriminali. Xi Stati Membri esprimew tħassib kostituzzjonali u ġibdu l-attenzjoni għal probemi rigward l-implimentazzjoni prattika tal-marki tas-swaba’ mandatorji fl-ECRIS. Ħafna awtoritajiet ċentrali ta’ Stati Membri fil-preżent ma jżommux marki tas-swaba’ fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali u mhumiex imqabbdin mas-sistema awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS) nazzjonali. Xi Stati Membri huma mħassbin dwar il-possibilità ta’ standards doppji għaċ-ċittadini tal-UE fuq naħa u t-TCN fuq in-naħa l-oħra. Is-sitwazzjoni hi differenti għat-TCN minħabba li wħud minnhom ġejjin minn pajjiżi li m’għandhomx reġistru ċivili xieraq jew wieħed validu. F’dan l-isfond, l-inklużjoni tal-marki tas-swaba’ ssir prijorità.

Il-partijiet konċernati dwar id-drittijiet fundamentali rrikonoxxew b’mod ġenerali l-effetti pożittivi ta’ sistema ta’ ECRIS-TCN futura minn perspettiva globali ta’ ġustizzja, billi tgħin biex tassigura sentenzi xierqa u tħares lit-tfal mill-abbużi, kif ukoll l-effett pożittiv fuq it-TCN billi tippermettilhom jagħtu prova ta’ rekord kriminali nadif mal-Unjoni kollha[12]. Dawn huma favur sistema deċentralizzata akkumpanjata minn tekniki ta’ anonimizzazzjoni adegwati.

Dawn il-partijiet interessati indikaw li l-introduzzjoni ta' sistema speċifika għal TCN hija possibbli mill-perspettiva ta' ugwaljanza, dejjem jekk din tkun meħtieġa u proporzjonata. Il-KEPD ikkunsidra li l-ħolqien ta’ reġim differenti għall-informazzjoni li għandha tinħażen u skambjata fuq TCN fuq naħa u fuq ċittadini tal-Istati Membri fuq oħra jeħtieġ li jkun ġustifikat kif xieraq. Il-partijiet interessati ġibdu l-attenzjoni għas-salvagwardji meħtieġa biex jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika tat-TCN fil-kuntest tal-migrazzjoni, għal aspetti marbuta mal-ħolqien ta’ index-filter u l-użu ta' marki tas-swaba’, id-drittijiet tat-tfal, kif ukoll għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u l-ħtieġa ta’ rimedji effettivi.

F’dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li l-proposta preżenti mhix maħsuba biex tkun għodda li tirregola l-migrazzjoni. Din ma tbiddel l-ebda dispożizzjoni eżistenti u garanziji f’dan il-qasam. Il-premessi tal-istrument legali propost espliċitament jirrikonoxxu r-rispett tal-garanziji li jinsabu fl-UE u fil-liġi nazzjonali dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Dawn iridu jinżammu fis-sistema futura.

Ċerti reati, bħal pereżempju d-dħul jew soġġorn irregolari, jew ivjaġġar b’viża jew dokumenti tal-ivvjaġġar foloz huma speċifiċi għal TCN u l-ECRIS-TCN futura m’għandhiex timpatta b’mod sproporzjonat fuq id-drittijiet ta’ TCN ikkundannat għal tali reati. L-FRA ssuġġeriet f'dan ir-rigward li kundanni relatati ma' dħul u soġġorni irregolari m’għandhomx jiġu pproċessati skont ECRIS-TCN għal skopijiet li mhumiex proċedimenti kriminali. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-punt sa fejn l-informazzjoni ta’ rekords kriminali għandha tkun ipproċessata għal għanijiet oħra għajr proċedimenti kriminali hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali, kif inhu l-każ għal ċittadini tal-UE.

Partijiet interessati dwar id-drittijiet fundamentali rrikonoxxew li l-identifikazzjoni sigura ta’ TCN tista' tkun aktar diffiċli mill-identifikazzjoni ta' ċittadini tal-UE. Iżda, skont il-FRA, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-użu tal-marki tas-swaba’ għall-index-filter, kif ukoll l-alternattiva tal-użu ta’ passaporti u/jew permessi ta’ residenza, u l-possibbiltajiet offruti mill-bażijiet tad-data nazzjonali tal-UE eżistenti, jridu jiġu kkunsidrati. Dawn jeħtieġ li jitqiesu meta mqabbla mal-inklużjoni ta’ marki tas-swaba’ ta' TCN kollha jew ta’ ċerti kategoriji ta’ TCN.

[12] Opinjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi taħt sistema futura possibbli li tikkumplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali tal-4.12.2015, FRA – 2015/1 – ECRIS.

Madankollu, il-proposta ma tipprovdix għall-ħżin mandatorju tal-marki tas-swaba’ ta' TCN sabiex tingħeleb il-problema fl-identifikazzjoni ta’ TCN. Il-problemi huma differenti minn dawk li jiltaqgħu magħhom fl-identifikazzjoni ċittadini tal-UE, fejn l-informazzjoni tista' tiġi aktar faċilment miksuba mill-Istat Membru taċ-ċittadinanza.

Il-partijiet interessati identifikaw ukoll li tfal TCN jistgħu jkunu partikolarment esposti għar-riskji li jirriżultaw mill-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni tagħhom. Il-FRA ssuġġeriet li fid-dawl tal-vulnerabbiltà tat-tfal, għandha tingħata kunsiderazzjoni li jew li t-tfal jiġu esklużi għalkollox mill-iskop tal-ECRIS, jew mill-index-filter, jew li l-iskambji jiġu limitati għal reati serji ħafna magħmula mit-tfal. Fl-istess waqt, il-partijiet interessati jixtiequ jiżguraw li l-proposta għandha tagħmilha possibbli għal min iħaddem biex jivverifika b'mod effettiv jekk TCN partikolari ġiex impedut milli jwettaq attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal bħala riżultat ta' kundanni kriminali fil-passat.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li l-ECRIS hija għodda deċentralizzata għall-iskambju ta’ informazzjoni li tinsab fir-reġistri tar-rekords kriminali tal-Istati Membri. Huwa f'idejn il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri li tiddeċiedi jekk il-kundanni tat-tfal jiddaħħlux jew le fir-rekords kriminali nazzjonali u għalhekk ikunux jistgħu jiġu skambjati bejn l-Istati Membri. Fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni ta’ rekords kriminali permezz tal-ECRIS matul reklutaġġ għal postijiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal, l-implimentazzjoni tad-Direttiva se tiffaċilita l-verifika ta' kundanni preċedenti ta’ TCN f'dan il-qasam.

Ċerti partijiet interessati rreferew għall-ħtieġa li jiġi żgurat li TCN jkollhom dritt li jaċċessaw id-data tagħhom stess u li jirrettifikawha, peress li rekords kriminali mhux eżatti jistgħu jkunu aktar komuni f'każijiet li jinvolvu TCN. Madankollu, l-istrumenti legali tal-ECRIS ikopru biss l-iskambju ta' informazzjoni ta’ rekords kriminali, u ma missewx id-drittijiet tal-individwi li jkollhom aċċess għad-data dwarhom maħżuna fil-livell nazzjonali. Dan il-qasam hu rregolat bil-liġi tal-protezzjoni ta’ data, kemm fuq livell nazzjonali u tal-UE.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Studju ta' fattibbiltà dwar ‘It-Twaqqif ta' Indiċi Ewropew ta' Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi Ikkundannati’ ipprovda fehim aħjar tal-mekkaniżmu futur għall-iskambji dwar TCN ikkundannati u tevalwa l-impatt ta' indiċi mil-lat tekniku, legali u amministrattiv[13]. Studju li jevalwa l-impatt tal-ICT tal-proposta leġiżlattiva għal sistema ECRIS TCN pprovdiet ħarsa ġenerali tal-ispejjeż li l-UE u l-Istati Membri se jġarrbu fl-implimentazzjoni tal-għażliet varji[14]. Statistika tal-Eurostat dwar il-migrazzjoni u l-popolazzjoni provdiet evidenza rigward id-daqs tal-problema. Saru wkoll intervisti fil-fond mar-rappreżentanti tal FIU.net[15] b'mod partikolari dwar is-softwer Match, programm ta' qsim informazzjoni intelliġenti u għarfien ibbażat fuq index-filter anonimu u żviluppati għal FIU.net.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-impatt. Il-links għal karta sommarju u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jinsabu hawn taħt:

13 Rapport Finali tal-Proġett "Studju ta’ Fattibilità: Twaqqif ta’ Indiċi Ewropew ta’ Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi Ikkundannati’ datat 11 ta’ Ġunju 2010 (‘Studju Unisys’).

14 Studju dwar il-Valutazzjoni tal-impatt tal-ICT fuq il-proposta leġiżlattiva ta’ sistema ECRIS TCN rigward l-iskambju ta’ kundanni għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni bla ċittadinanza (TCN) datat 04 ta’ Diċembru 2015 (‘L-istudju Kurt Salmon’, li jrid jiġi pubblikat)

15 FIU.net li jinsab fl-Olanda, hu pjattaforma li tgħaqqad Unitajiet ta’ Intelliġenza Finanzjarja (FIUs) mill-Istati Membri. L-iskop tal-FIUs hu li jidentifikaw u jwaqqfu attivitajiet ta’ finanzjar ta’ terroristi u ħasil ta’ flus.

http://ec.europa.eu/justice/criminal/european-e-justice/ecris/index_en.htm

Ġew eżaminati tliet alternattivi ta' politika: i) li jinżamm l-istatus quo; ii) proġett volontarju ta' Stat Membru għal mekkaniżmu aktar effiċjenti biex tiġi skambjata informazzjoni ta' rekords kriminali fuq TCN, kofinanzjat mill-Kummissjoni; u iii) leġiżlazzjoni dwar mekkaniżmu ta' tiftix biex jidentifika l-Istati Membri li jkollhom informazzjoni ta' rekords kriminali dwar TCN li jikkonsisti f'data dwar l-identità ta' TCN ikkundannat (index-filter) li tista' titfittex permezz ta' mekkaniżmu ta' tiftix hit-/no hit. Ġew eżaminati żewġ sottoalternattivi għall-alternattiva tal-aħħar: jew index-filter deċentralizzat li jiġi anonimizzat u mqassam lill-Istati Membri l-oħra kollha li jippermettilhom li jfittxu fil-bini tagħhom stess; jew index-filter li jkun maħżun f'korp ċentrali tal-UE.

Fir-rigward tal-marki tas-swaba', ġew eżaminati tliet sottoalternattivi: i) il-ħażna obbligatorja ta' marki tas-swaba' għal TCN u l-inklużjoni tagħhom fl-indiċi/index-filter; ii) Stati Membri jiġu obbligati jivverifikaw l-identità ta' TCN fis-sistemi ta' skambju ta' data eżistenti bbażati fuq marki tas-swaba' qabel ma tintuża ECRIS; iii) l-estensjoni ta' ECRIS biex tappoġġja l-użu volontarju ta' marki tas-swaba' mill-Istati Membri għal TCN.

L-index-filter deċentralizzat huwa l-għażla preferuta peress li joffri mekkaniżmu biex jiġu identifikati b'mod effiċjenti liema Stati Membri jżommu informazzjoni ta' rekords kriminali fuq TCN partikolari. Billi jimplika obbligu legali għall-Istati Membri kollha, jiggarantixxi approċċ komuni. Dan ma jirrikjedix sistema addizzjonali fil-livell tal-UE, u għalhekk hu iktar kost-effettiv mill-index-filter maħżun ċentralment. Biex tkun assigurata l-identifikazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-marki tas-swaba' għandhom jiġu inklużi fid-dejta ta' identifikazzjoni li tkun maħżuna fir-rekord kriminali tal-persuna u fl-index-filter. Ħafna drabi, li tiġi stabbilita l-identità tat-TCN hi partikolarment diffiċli jekk mhux impossibbli, pereżempju minħabba li d-dokumenti affidabbli tal-identità ma jkunux jeżistu jew ikunu neqsin, jew minħabba kunjomijiet komuni użati ħafna.

Ma jkun hemm l-ebda impatt dirett sinifikanti fl-oqsma ekonomiċi soċjali jew ambjentali. Negozji, SMEs u mikro-intrapriżi ma jkunux affettwati. Ikun hemm l-impatt segwenti fuq il-baġits nazzjonali u tal-UE: spejjeż ta' darba għall-UE ta' bejn wieħed u ieħor EUR 1 089 000, għall-Istati Membri bejn wieħed u ieħor EUR 768 000 (total ta' bejn wieħed u ieħor EUR 1 857 000); spejjeż kontinwi għall-UE ta' bejn wieħed u ieħor EUR 668 000; għall-Istati Membri l-ispejjeż kontinwi huma mistennija jiżdiedu gradwalment matul is-snin, jibdew b'EUR 5 304 000 u jiżdiedu sa massimu ta' EUR 12 804 000. Dan ifisser li l-ispejjeż kontinwi hma mistennija jiżdiedu gradwalment matul is-snin, jibdew b'EUR 5 972 000 u jiżdiedu sa massimu ta' EUR 13 472 000. L-ispiża addizzjonali biex jiġu mmaniġġjati l-marki tas-swaba' tkun bejn wieħed u ieħor EUR 5 miljuni fi spejjeż inizjali għall-UE, u EUR 1 miljun fi spejjeż kontinwi għall-UE kull sena. L-ispejjeż inizjali għall-Istati Membri jvarjaw minn EUR 2 miljuni għal EUR 3 miljuni għal kull Stat Membru skont il-volum ta' kundanni ta' TCN.

Fil-preżent l-Istati Membri jużaw ECRIS biex ifittxu TCN f'5% tal-każijiet biss. Il-benefiċċji tas-soluzzjoni proposta huma mistennija jżidu l-użu tal-ECRIS b'mod konsiderevoli. Jekk l-Istati Membri kellhom jibagħtu talbiet 'ġenerali' b'mod sistematiku, il-piż amministrattiv biex dawn jiġu mwieġba ġie identifikat bħala l-iktar element li jġib spejjeż (stmat sa EUR 78 miljun) mill-workflow ta' ECRIS; is-soluzzjoni proposta tiffranka ħafna spejjeż.

- **Drittijiet fundamentali**

Artikolu 6(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, libertajiet u prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Il-miżura proposta tinkludi dispożizzjonijiet legali biex tiżgura li l-informazzjoni relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi misjuba ħatja tiġi skambjata b'mod iktar effiċjenti. Dawn id-dispożizzjonijiet huma konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta, inkluż il-protezzjoni ta' data personali; il-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi; u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.

Il-miżuri proposti huma bla preġudizzju għar-rispett tad-dritt li tiġi rispettata il-ħajja privata u tal-familja, id-dritt gal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-preżunzjoni tal-innoċenza. Il-miżuri proposti huma bla preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulment, il-protezzjoni fl-eventwalità ta' tneħħija, it-tkeċċija u l-estradizzjoni u standards u garanziji rilevanti oħra minquxa fil-liġi tal-UE dwar l-asil u l-fruntieri.

Id-dispożizzjonijiet ma jaffettwawx id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, aktar milli dak li huwa strettament neċessarju biex jinkiseb l-objettiv ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Din tibni fuq dak li diġà hu applikat fl-ECRIS eżistenti għal ċittadini tal-Istati Membri billi tagħżel sistema deċentralizzata biex jiġu identifikati Stati Membri li għandhom informazzjoni ta' rekords kriminali ta' TCN u l-użu ta' teknoloġija tal-iminimizzar ta' data tal-ogħla livell. B'hekk ġiet ikkunsidrata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Digital Rights Ireland Ltd[16] u Maximilian Schrems v. il-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data[17].

Minħabba l-impatt potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali mill-użu tal-marki tas-swaba', għandu jiġi żgurat l-użu ta' tekniki ta' iminimizzar u ta' għodod effettivi biex fl-istess waqt jiġi evitat ir-riskju ta' tqabbil falz, b'hekk tiġi prevenuta l-interferenza sproporzjonata mad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata.

Waħda mill-għanijiet tal-miżuri proposti hi li jiġu protetti t-tfal mir-riskju ta' abbuż u sfruttar billi tassigura li n-nies li jaħdmu mat-tfal jgħaddu minn proċeduri xierqa ta' skrutinju. Dan se jippermetti lil min iħaddem biex jivverifika b'mod effettiv jekk xi ħadd ġie pprojbit minn attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal bħala riżultat ta' kundanni kriminali fil-passat.

L-Istati Membri huma obbligati li jassiguraw li d-dispożizzjonijiet huma implimentati b'rispett totali lejn id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali mnaqqxa fil-Karta.

L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ECRIS TCN m'għandhomx jinterferixxu b'mod sproporzjonat mad-drittijiet fundamentali tal-migranti u ta' dawk li jfittxu asil, b'mod partikolari protezzjoni f'każ ta 'tneħħija u t-tkeċċija; id-dritt għall-asil; u l-protezzjoni ta' dejta personali (anke fid-dawl tal-ħtieġa li jipprevjenu r-riskju ta' trasferiment ta' dejta lejn pajjiżi terzi, b'mod speċjali fejn huma kkonċernati persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali). In-neċessità u l-proporzjonalità ta' xi impatt negattiv potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali għandhom ikunu evalwati bir-reqqa skont il-liġi tal-UE dwar l-asil u l-migrazzjoni.

---

16 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, 8.4.2014, Digital Rights Ireland Ltd , C-293/12, ECLI:UE:C:2014:238.

17 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, 6.10.2015, Maximillian Schrems v il-Kummissarju tal-Portezzjoni tad-Data, C-362/14, ECLI:UE:C:2015:650.

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jħallu TCN, f'ċerti ċirkustanzi, biex jitolbu u jirċievu ċertifikati ta' rekords kriminali, bl-użu tas-sistema ECRIS, partikolarment fil-każ ta' persuni bona fide li jkunu qed ifittxu impjieg u li m'hemmx dubju dwar is-soġġorn preċedenti tagħhom fi Stati Membri oħra.

L-Istati Membri jridu jassiguraw ukoll li s-suġġetti tad-data għandhom dritt għall-aċċess tad-data biex ikunu jistgħu jirranġawha u li hemm rimedji effettivi f'posthom biex jippermettu s-suġġetti tad-data biex joġġezzjona għal rekords kriminali mhux eżatti, f'konformità totali mal-istandards li joħorġu mid-dritt gal rimedju effettiv, inkluż fir-rigward tad-disponibilità tal-għajnuna legali, l-interpretazzjoni u s-servizzi ta' traduzzjoni.

Meta tirrapporta dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll l-impatt tal-miżuri proposti u l-implimentazzjoni tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali. Il-valutazzjoni tagħha se tkun ibbażata parzjalment fuq evalwazzjoni tal-effett fuq id-drittijiet fundamentali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi meta mqabbla mal-effett fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE. Ir-reviżjoni tal-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-użu ta' marki tas-swaba', data bijometrika oħra u data ta' identifikazzjoni fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-għodod u tekniki użati biex jiżguraw anonimizzazzjoni u jevitaw ir-riskju ta' taqbiliet foloz. Kull proposta għal reviżjoni futura tas-sistema trid tikkunsidra r-riżultat ta' din il-valutazzjoni.

Din il-proposta bl-ebda mod ma tipprekludi r-resposabbiltajiet tal-Istati Membri skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, inkluż ir-regoli fuq id-dħul ta' kundanni kontra l-minuri u t-tfal fir-reġistru nazzjonali tar-rekords kriminali. Bl-istess mod, ma tipprevjenix li l-Istati Membri japplikaw il-liġi kostituzzjonali jew fehim internazzjonali li huma marbutin magħhom, b'mod partikolari dawk li joħorġu mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani u l-libertajiet fundamentali, li l-Istati Membri huma kollha parti minnha.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-pakkett finanzjarju mbassar għall-implimentazzjoni tad-Direttiva għall-perjodu Jannar 2017 sa Diċembru 2020 hu EUR 10 760 000[18]. Il-pakkett finanzjarju hu kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Multi-annwali u l-ispejjeż se jintlaħqu permezz tal-programm ta' ġustizzja. Il-profil ta' impenn hu r-riżultat tal-aġġustamenti li mistennija jkunu meħtieġa fil-livell tal-UE u nazzjonali fl-ewwel tliet snin. L-ispejjeż tal-manutenzjoni jkunu stabbli f'EUR 1 602 000 miljun kull sena mit-tielet sena tal-implimentazzjoni. Iktar dettalji huma provduti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li qed takkumpanja din il-proposta.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

### • Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Sentejn wara li jkun ġie adottat l-istrument leġiżlattiv, il-Kummissjoni se tevalwa l-punt sa fejn dan ġie implimentat fl-Istati Membri u l-effikaċja tal-azzjonijiet li l-Istati Membri ħadu rigward il-kisba tal-għanijiet stabbiliti hawn fuq. Skont din l-evalwazzjoni, l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar is-segwitu xieraq.

L-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri se tkun monitorata kontinwament mill-grupp ta' esperti eżistenti ta' ECRIS. Dan il-grupp se jagixxi wkoll bħala forum għall-

[18] Id-dettalji huma provduti f'Taqsima 3.2.1 tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva taħt it-tabella tal-approprjazzjoni operazzjonali totali.

iskambju tal-aħjar prattiċi dwar l-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali fil-livell tal-UE inkluż informazzjoni dwar TCN.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1

Il-Punt 1:

Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas ġie estiż bil-ħsieb li jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni ta' TCN. L-iskop tal-istrument issa jinkludi l-obbligu tal-Istat Membru tal-kundanna li jaħżen l-informazzjoni ta' rekords kriminali fuq TCN, inkluż il-marki tas-swaba'.

Il-Punt 2:

Id-definizzjoni ta' "Stat Membru tal-kundanna" fl-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas ġiet trasferita fl-Artikolu fid-definizzjonijiet, Artikolu 2. Din id-definizzjoni issa tkopri kundanni, irrispettivament minn jekk ingħatawx lil ċitadin ta' Stat Membru ieħor jew TCN.

Żdiedet definizzjoni ta' 'ċittadin ta' pajjiż terz' biex jiġi ċċarat li dan il-grupp ta' persuni jinkludi persuni bla ċittadinanza u persuni li ċ-ċittadinanza tagħhom m'hix magħrufa.

Il-Punt 3:

Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni Qafas preżenti hu emendat biex jiżgura li l-obbligu tal-Istati Membri li jżidu ċ-ċittadinanza (jew ċittadinanzi) ta' persuna kkundannata fir-rekords kriminali issa japplika wkoll għaċ-ċittadinanza jew ċittadinanzi ta' TCN. L-informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza hi indispensabbli għall-awtoritajiet ċentrali biex isiru jafu liema Stat Membru għandu informazzjoni dwar il-persuna kkonċernata.

Il-Punt 4:

L-Artikolu 4a l-ġdid jistabbilixxi l-obbligi segwenti ta' Stat Membru fir-rigward ta' kundanni ta' TCN li jingħataw fit-territorju tiegħu: obbligu li jaħżen l-informazzjoni ta' rekords kriminali; l-obbligu li jiddistribwixxi lill-Istati Membri l-oħra index-filter anonimizzat bl-informazzjoni tal-identità ta' TCN ikkundannat fit-territorju tiegħu għall-iskop li jiġu identifikati l-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar ir-rekord kriminali dwar TCN; u l-obbligu li jaġġorna l-index-filter b'kull tħassir jew alterazzjoni tad-data miżmuma fih. Stat Membru jkun konformi mal-obbligu tal-ħżin anke jekk l-informazzjoni tinħażen f'bażi ta' data oħra li mhix id-database tar-rekords kriminali, sakemm l-awtorità ċentrali jkollha aċċess għall-bażi ta' data fejn hemm maħżuna l-informazzjoni.

Finalment, l-Artikolu jistipula li dan japplika irrispettivament minn jekk il-persuna għandux ċittadinanza tal-UE wkoll, biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun tista' tinstab irrispettivament minn jekk iċ-ċittadinanza addizzjonali hijiex magħrufa jew le; li r-rekord kriminali tiegħu/tagħha u l-index-filter ikun fihom l-informazzjoni maħżuna fil-kwalità tiegħu/tagħha bħala ċittadin ta' Stat Membru.

Il-Punt 5:

Id-dritt korrispondenti tal-Istati Membri li jirċievu l-index-filter hu stipulat, jiġifieri id-dritt li jfittxuh.

Il-Punt 6:

Dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tħassru jekk l-iskadenza tagħhom għaddiet (paragrafu 2 u l-parti introduttorja tal-paragrafu 3), biex l-Artikolu 6 ikun jista' jinqara aħjar.

Barra dan, l-Artikolu 6(3) ipoġġi obbligu fuq l-Istat Membru biex jissuplimenta estratt ta' rekord kriminali mitlub minn TCN (ir-rekord tiegħu/tagħha stess), b'informazzjoni minn Sati Membri oħra bl-istess mod li jsir għal ċittadini tal-UE.

Il-Punt 7:

Skont il-paragrafu 4a imdaħħal ġdid tal-Artikolu 7, talba għal informazzjoni dwar TCN tkun trattata bl-istess mod bħal talba għal informazzjoni dwar ċittadini tal-UE; paragrafi 1 u 4a jinftiehemu bl-istess mod. Għalhekk, l-awtorità ċentrali trid tibgħat informazzjoni fuq kundanna mogħtija fl-Istat Membru tagħha kontra t-TCN flimkien ma' kundanni mogħtija f'pajjiżi terzi li ddaħħlu fir-rekords kriminali tagħha.

Konsegwentement, ir-referenza għal TCN fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas tħassret.

Il-Punt 8:

Ir-referenzi għad-data personali huma estiżi għad-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar TCN.

Il-Punt 9:

L-Artikolu 11(3) jinkludi referenza espliċita għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u għall-format standardizzat. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 11(3) ġiet żejda minħabba li l-iskadenza għaddiet u għalhekk tneħħiet.

L-Artikolu 11(5) jistabbilixxi l-obbligi tekniċi tal-Istati Membri fir-rigward tal-kompiti li jridu jintlaħqu bid-Direttiva. Dan jikkonċerna kemm is-sistema ta' skambju ta' informazzjoni preżenti u s-sistema l-ġdida 'hit'/'no hit' ibbażata fuq index-filter anonimizzat. L-arranġamenti tekniċi u amministrattivi biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni se jkunu stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni.

L-Artikolu 11(4) jirregola t-trażmissjoni ta' informazzjoni jekk l-ECRIS ma tkunx disponibbli; dan jgħaqqad il-paragrafi 5 u 3 preżenti tal-Artikolu 11. Il-kontenut tal-Artikolu 11(4) issa jista' jinstab fl-Artikolu 11b (atti ta' implimentazzjoni).

L-Artikolu 11(5) jieħu post l-Artikolu 11(5) preżenti u jitlob biex l-Istati Membri biex fil-futur meta jkunu jistgħu jużaw ECRIS u l-index-filter il-ġdid, jinnotifikaw lill-Kummissjoni minflok lill-Kunsill.

L-Artikolu 11(7) preżenti tħassar u l-obbligu tal-Istati Membri li jagħmlu l-alterazzjonijiet tekniċi neċessarji fi żmien skadenza fissa, issa jinsab fl-Artikolu 3(3) ta' din id-Direttiva.

Il-Punt 10:

L-Artikolu 11a il-ġdid jinkorpora li l-punti ewlenin li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, li stabbilixxiet ECRIS, biex jiġi organizzat aħjar l-iskambju tal-informazzjoni minn rekords kriminali bejn l-Istati Membri.

Punti 11 u 12:

Ġiet introdotta proċedura ta' komitoloġija biex il-Kummissjoni tingħata l-għodda neċessarja biex timplimenta l-aspetti tekniċi tal-iskambju ta' informazzjoni sabiex tkun tista' taħdem fil-prattika. Il-proċedura magħżula hi l-proċedura ta' eżami. Din se tintuża b'mod partikolari biex jittieħdu miżuri ta' implimentazzjoni li jirelataw mal-format standardizzat li bħalissa hu stabbilit f'Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI.

Il-Punt 13:

L-Artikolu 13a il-ġdid jirrigwarda l-obbligi tal-Kunsill li jirraporta u jirrevedi.

Ir-rekwiżit preżenti ta' rapportar tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, jiġifieri r-rapport regolari dwar l-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' ECRIS, hu inkorporat fid-Deċiżjoni Qafas (Artikolu 13a(4)).

L-Artikolu 2:

Din id-dispożizzjoni tieħu post id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI. Il-kontenut ta' din tal-aħħar ġie fil-biċċċa l-kbira inkorporat fid-Deċiżjoni Qafas u se jkomplu jiġu inklużi f'miżuri ta' implimentazzjoni skont Artikolu 11b.

L-Artikolu 3:

Perjodu ta' traspożizzjoni ta' 12-il xahar jidher li hu adegwat billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jibnu fuq teknoloġija eżistenti u fuq rekords kriminali li jiffunzjonaw fl-Istati Membri.

L-Artikolu 4 u 5:

Dawn l-Artikoli jirregolaw id-dħul fis-seħħ uid-destinatarji tad-Direttiva (l-Istati Membri).

2016/0002 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(1)(d) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li tipprovdi liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha jkun assigurat il-moviment liberu tal-persuni flimkien ma' miżuri xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità.

(2) Dan l-objettiv jirrikjedi li jkun possibbli li informazzjoni dwar kundanni mogħtija fl-Istati Membri tkun ikkunsidrata barra l-Istat Membru tal-kundanna, kemm waqt proċedimenti kriminali ġodda, kif stabbilit fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI[19], kif ukoll biex jiġu prevenuti reati ġodda.

(3) Dan l-objettiv jippresupponi l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Tali skambju ta' informazzjoni hu organizzat u ffaċilitat bir-regoli stabbiliti bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI[20] u bis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) li ġiet stabbilita skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009.316/ĠAI[21].

(4) Madankollu, dan il-qafas legali tal-ECRIS ma jkoprix b'mod suffiċjenti l-partikolaritajiet tat-talbiet li jirrigwardaw ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għalkemm issa hu possibbli li tiġi skambjata informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz tal-

---

[19] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda (ĠU L 220, 15.8.2008, p. 32).

[20] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23).

[21] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠA (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33).

ECRIS, m'hemm l-ebda proċedura jew mekkaniżmu mħaddem biex dan isir b'mod effiċjenti.

(5) L-informazzjoni fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi ma tinġabarx fl-Unjoni fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza bħalma jsir għal ċittadini ta' Stati Membri, iżda tinħażen biss fl-Istati Membri fejn ikunu ngħataw il-kundanni. Għalhekk, ħarsa ġenerali kompluta lejn l-istorja kriminali ta' inividwu partikolari tista' tkun aċċertata jekk l-informazzjoni tkun mitluba mill-Istati Membri kollha.

(6) Tali talbiet ġenerali jimponu piż amministrattiv fuq l-Istati Membri kollha, inkluż fuq dawk li ma jkollhomx informazzjoni fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz partikolari. Fil-prattika, dan l-effett negattiv jiskoraġġixxi lill-Istati Membri milli jitolbu informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u jwassal lill-Istati Membri biex jillimitaw l-informazzjoni ta' rekords kriminali fuq informazzjoni maħżuna fir-reġistru nazzjonali tagħhom.

(7) L-iskambju ta' informazzjoni fuq kundanni kriminali hu importanti f'kull strateġija għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu. Dan jikkontribwixxi biex il-ġustizzja kriminali twieġeb għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti jekk l-Istati Membri jużaw ECRIS bil-potenzjal kollu tagħha.

(8) L-attakki terroristiċi reċenti wrew b'mod partikolari l-urġenza li jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, l-aktar fir-rigward tal-estensjoni ta' ECRIS għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(9) Minħabba f'hekk, għandha tkun stabbilita sistema li biha l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru ssib malajr u b'mod effiċjenti f'liema Stat Membru ieħor hemm maħżuna informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadin ta' pajjiż terz biex imbagħad ikun jista' jintuża l-qafas eżistenti tal-ECRIS.

(10) L-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward ta' kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandha tinkludi wkoll il-marki tas-swaba' biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni. Dan l-obbligu jinkludi il-ħżin ta' informazzjoni, inkluż il-marki tas-swaba', li jiġu mwieġba talbiet għal informazzjoni minn awtoritajiet ċentrali oħra, li jiġi żgurat li l-estratt ta' rekord kriminali mitlub minn ċittadin ta' pajjiż terz hu supplimentat kif xieraq b'informazzjoni minn Stati Membri oħra u biex isiru l-bidliet tekniċi biex jiġu applikati t-teknoloġiji tal-ogħla livell neċessarji biex tkun tista' taħdem is-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni.

(11) Biex jiġi kkumpensat in-nuqqas ta' Stat Membru wieħed fejn hemm maħżuna informazzjoni dwar ċittadin ta' pajjiż terz partikolari, it-teknoloġija tal-informatika deċentralizzata għandha tippermetti lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri biex isibu f'liema Stat Membru ieħor hemm maħżuna informazzjoni ta' rekords kriminali. Għal dan il-għan, kull awtorità ċentrali għandha tiddistribwixxi index-filter lill-Istati Membri l-oħra, li jinkludi d-data ta' identifikazzjoni, f'forma anonimizzata, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati fl-Istat Membru tagħha. Id-data personali għandha ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jkunx identifikabbli. Imbagħad, l-Istat Membru li jirċievi din id-data jista' jqabbel din id-data mal-informazzjoni tiegħu fuq bażi ta' 'hit'/'no hit', u b'hekk isib jekk informazzjoni ta' rekords kriminali hijiex disponibbli fi Stati Membri oħra u f'każ ta' 'hit', f'liema Stati Membri. L-Istat Membru riċeventi għandu mbagħad isegwi 'hit' billi juża l-qafas tal-ECRIS. Rigward iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom ċittadinanza ta' Stat Membru wkoll, l-informazzjoni inkluża fl-indiċi għandha tkun limitata għal informazzjoni disponibbli bħal fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri.

(12) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI[22] għandha tapplika fil-kuntest ta' skambju ta' informazzjoni permezz tal-kompjuter estratta minn rekords kriminali ta' Stati Membri, li tipprovdi għal livell adegwat ta' protezzjoni tad-data meta l-informazzjoni hi skambjata bejn l-Istati Membri, waqt li tippermetti li l-Istati Membri jitolbu standards ta' protezzjoni ogħla għall-ipproċessar ta' data nazzjonali.

(13) L-infrastruttura ta' komunikazzjoni komuni użata għall-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali għandha tkun is-Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (sTESTA) jew xi żvilupp ieħor ta' din jew xi netwerk sigur alternattiv.

(14) Minkejja l-possibilità li jintużaw il-programmi finanzjarji tal-Unjoni skont ir-regoli applikabbli, kull Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu li jirriżultaw mill-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni tal-bażi ta' data ta' rekords kriminali tiegħu u mill-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni ta' alterazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex ikun jista juża ECRIS.

(15) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, l-prinċipju tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u l-projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji.

(16) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, li tippermetti l-iskambju rapidu u effiċjenti ta' informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, permezz tas-sinerġija u l-interoperabilità neċessarja, billi l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(17) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, il-prinċipji tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI għandhom ikunu inkorporati fid-Deċiżjoni Qafas, u l-poteri tal-implimentazzjoni għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Dawk il-poteri għandhom jiġu eżerċitati skont Regolament (UE) Nru. 182/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[23].

(18) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(19) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u bla preġudizzju għal Artikolu 4 ta' dak il-

[22] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60).

[23] Regolament (UE) Nru. 182/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw il-mekkaniżmi għal kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p.13).

Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

[jew]

F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.

(20) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u ta opinjoni fi ...[25].

(21) Id-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI għaldaqstant għandha tiġi emendata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI hi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 1

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni Qafas

(a) tiddefinixxi l-modi li bihom Stat Membru tal-kundanna jiskambja informazzjoni dwar kundanni ma’ Stati Membri oħra;

(b) tiddefinixxi l-obbligi tal-ħżin għall-Istat Membru tal-kundanna u tispeċifika l-metodi li jridu jiġu segwiti meta tiġi mwieġba talba għal informazzjoni estratta mnn rekords kriminali;

(c) tistabbilixxi sistema deċentralizzata bit-teknoloġija tal-informatika għall-iskambju ta’ informazzjoni ta’ kundanni bbażata fuq il-bażijiet ta' data ta’ rekords kriminali f’kull Stat Membru, ‘is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali (ECRIS).’;

(2) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) ‘Stat Membru tal-kundanna’ tfisser l-Istat Membru fejn tkun ingħatat kundanna;

(e) ‘ċittadin ta’ pajjiż terz’ tfisser ċittadin ta’ pajjiż ieħor li mhux Stat Membru, jew persuna bla ċittadinanza, jew persuna li ċ-ċittadinanza tiegħu mhix magħrufa għall-Istat Membru fejn tkun ingħatat kundanna kontra l-persuna.”;

(3) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

---

24 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta’ individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta’ dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p.1).

25 [25]ĠU C …

"1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li meta jingħataw kundanni fi ħdan it-territorju tiegħu dawn jidħlu fir-rekords kriminali tiegħu, l-informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza jew ċittadinanzi tal-persuni kkundannati hi inkluża jekk il-persuna tkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor jew ċittadin ta' pajjiż terz.";

(4) jiddaħħal l-artikolu segwenti:

*"Artikolu 4 a*

**Obbligi tal-Istat Membru tal-kundanna fir-rigward ta' kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi**

1. L-Istat Membru fejn tingħata kundanna kontra ċittadin ta' pajjiż terz għandu jaħżen l-informazzjoni segwenti, sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, dan ma jkunx possibbli:

(a) informazzjoni dwar il-persuna kkundannata (isem sħiħ, data tat-twelid, post tat-twelid (belt u pajjiż), sess, nazzjonalità u jekk applikabbli – isem/ismijiet preċedenti;

(b) informazzjoni dwar in-natura tal-kundanna (data tal-kundanna, isem tal-qorti, data li fiha d-deċiżjoni saret finali);

(c) informazzjoni dwar ir-reat li jwassal għal kundanna (data tar-reat sottostanti għall-kundanna u l-isem jew klassifikazzjoni legali tar-reat kif ukoll referenza għad-dispożizzjonijiet legali applikabbli);

(d) informazzjoni dwar il-kontenut tal-kundanna, (b'mod partikolari s-sentenza kif ukoll kwalunkwe piena supplimentari, miżuri ta' sigurtà u deċiżjonijiet sussegwenti li jimmodifikaw l-eżekuzzjoni tas-sentenza);

(e) l-ismijiet tal-ġenituri tal-persuna kkundannata;

(f) in-numru ta' referenza tal-kundanna;

(g) il-post tar-reat;

(h) jekk applikabbli, l-iskwalifiki li jirriżultaw mill-kundanna;

(i) in-numru tal-identità tal-persuna kkundannata, jew it-tip jew in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni tal-persuna;

(j) il-marki tas-swaba' tal-persuna;

(k) jekk applikabbli, psewdonimu u/jew isem/ismijiet xort'oħra.

2. L-awtorità ċentrali għandha toħloq index-filter li jkun fih informazzjoni anonimizzata tat-tipi msemmija fil-punti (a), (e), (i), (j) u (k) tal-paragrafu 1 rigward iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati fl-Istat Membru tagħha. L-awtorità ċentrali għandha tibgħat dan l-index-filter u l-aġġornamenti li jsiru fih, lill-Istati Membri kollha.

3. Kull alterazzjoni jew tħassir tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha immedjatament tinkludi l-istess alterazzjoni jew tħassir tal-informazzjoni maħżuna skont il-paragrafu 1 u li tinsab fl-index-filter skont il-paragrafu 2 mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna.

4. Il-paragrafu 2 u l-paragrafu 3 japplikaw fir-rigward tal-index-filter u jirrigwardaw ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, sal-punt li l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (e), (i), (j) u (k)

tal-paragrafu 1 hi maħżuna mill-awtorità ċentrali fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri.

5. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-kundanni mogħtija wara [12-il xahar wara l-adozzjoni].

Il-paragrafu 2 għandu japplika għal informazzjoni diġà inkluża fir-rekord kriminali fi [12-il xahar wara l-adozzjoni] u għall-informazzjoni dwar kundanni mogħtija wara [12-il xahar wara l-adozzjoni].";

(5) jiddaħħal l-artikolu segwenti:

*"Artikolu 4b*

**Użu tal-index-filters**

1. Għall-iskop biex jiġu identifikati dawk l-Istati Membri li għandhom informazzjoni ta' rekords kriminali dwar ċittadin ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri jistgħu jfittxu l-index-filters trażmessi skont l-Artikolu 4a biex iqabblu kull infomazzjoni f'dawn l-index-filters mal-informazzjoni tagħhom stess tat-tip imsemmija fl-Artikolu 4a(2). L-index-filters m'għandhomx jintużaw għal skopijiet oħra barra dawk imsemmija fl-Artikolu 6.

2. Dan l-Artikolu japplika wkoll fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu wkoll ċittadinanza ta' Stat Membru.";

(6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jitħassar;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull darba li ċittadin ta' Stat Membru jitlob lill-awtorità ċentrali ta' Stat Membru barra mill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna, informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tiegħu stess, dik l-awtorità ċentrali għandha, bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata hi jew kien resident jew ċittadin tal-Istat Membru rikjedenti jew rikjest, tissottometti talba lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna għal informazzjoni u data relatata biex tkun estratta mir-rekords kriminali biex tkun tista' tinkludi tali informazzjoni u data relatata fl-estratt li se jiġi provdut lill-persuna kkonċernata.

Meta ċittadin ta' pajjiż terz li ma jkollux iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jitlob lill-awtorità ċentrali ta' Stat Membru għal informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tiegħu, dik l-awtorità ċentrali għandha tibgħat talba biss lil dawk l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri li jkollhom informazzjoni dwar ir-rekord kriminali ta' din il-persuna għal informazzjoni u data relatata biex tkun estratta mir-rekord kriminali ħalli tkun tista' tinkludi tali informazzjoni u data relatata fl-estratt li se jiġi provdut lill-persuna kkonċernata.";

(7) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Meta informazzjoni estratta mir-rekords kriminali dwar kundanni mogħtija kontra ċittadin ta' Stat Membru tintalab mill-awtorità ċentrali ta' Stat Membru barra mill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna skont Artikolu 6, l-Istat Membru rikjest għandu jibgħat l-informazzjoni dwar kundanni mogħtija fl-Istat

Membru rikjest bl-istess mod kif stabbilit fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali.

4a. Meta informazzjoni estratta mir-rekords kriminali dwar kundanni mogħtija lil ċittadini ta' pajjiżi terzi tintalab skont Artikolu 6 għall-iskopijiet ta' proċedimenti kriminali, l-Istat Membru rikjest għandu jibgħat informazzjoni dwar kull kundanna mogħtija fl-Istat Membru rikjest u fuq kull kundanna mogħtija f'pajjiżi terzi u sussegwentement mibgħuta lilu u mdaħħla fir-rekords kriminali lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru rikjedenti.

Għaldaqstant, jekk tali informazzjoni tintalab għal kwalunkwe skop għajr dak ta' proċedimenti kriminali, għandu japplika l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.";

(8) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-frażi "Artikolu 7(1) u (4)" tiġi sostitwita b'"Artikolu 7(1), (4) u (4a)";

(b) fil-paragrafu 2, il-frażi "Artikolu 7(2) u (4)" tiġi sostitwita b'"Artikolu 7(2), (4) u (4a)";

(c) fil-paragrafu 3, il-frażi "Artikolu 7(1), (2) u (4)" tiġi sostitwita b'"Artikolu 7(1), (2), (4) u (4a)";

(9) fl-Artikolu 11, il-paragrafi 3 sa 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, l-index-filter imsemmi fl-Artikolu 4a, it-talbiet imsemmija fl-Artikolu 6, it-tweġibiet imsemmija fl-Artikolu 7 u informazzjoni rilevanti oħra b'mod elettroniku bl-użu ta' ECRIS u format standardizzat skont l-istandards stabbiliti fl-atti li jimplimentaw.

4. Jekk il-mod tat-trażmissjoni msemmi fil-paragrafu 3 mhux disponibbli u sakemm jibqa' mhux disponibbli, l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3, bl-eċċezzjoni tal-index-filter imsemmi f'Arikolu 4a, bi kwalunkwe mezz li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub taħt il-kundizzjonijiet li jippermettu lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru riċeventi biex tistabbilixxi l-awtentiċità tagħha.

5. Kull Stat Membru għandu jagħmel l-alterazzjonijiet tekniċi neċessarji biex ikun jista' juża il-format standardizzat imsemmi fil-paragrafu 3 u l-index-filter imsemmi fl-Artikoli 4a u 4b u biex jitrażmetti l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3 b'mod elettroniku lil Stati Membri oħra permezz ta' ECRIS. Dan għandu jinnotifika lill-Kummisjoni bid-data minn meta hu jkun jista' jagħmel tali trażmissjonijiet u juża l-index-filter imsemmi fl-Artikoli 4a u 4b.";

(10) jiddaħħal l-artikolu segwenti:

*"Artikolu 11a*

**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)**

1. Biex tiġi skambjata informazzjoni estratta minn rekords kriminali skont din id-Deċiżjoni Qafas b'mod elettroniku, qed tiġi stabbilita sistema deċentralizzata bl-użu tat-teknoloġija tal-informatika bbażata fuq id-databases ta' rekords kriminali f'kull Stat Membru, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS). Hija tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) softwer ta’ interkonnessjoni mibni f’konformità ma’ sett ta’ protokolli komuni li jippermetti l-iskambju ta’ informazzjoni bejn il-bażijiet ta' data ta’ rekords kriminali tal-Istati Membri;

(b) softwer index-filter mibni f’konformità ma’ sett ta’ protokolli komuni li jippermetti lill-awtoritajiet ċentrali biex iqabblu d-data tagħhom skont Artikoli 4a u 4b ma’ dik ta’ awtoritajiet ċentrali oħra waqt li jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-data personali;

(c) infrastruttura għal komunikazzjoni komuni bejn l-awtoritajiet ċentrali li tipprovdi netwerk kriptat.

L-ECRIS għandha tiżgura l-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni ta’ rekords kriminali trażmessi lil Stati Membri oħra.

2. Id-data kollha dwar ir-rekords kriminali għandha tnħażen biss f’bażijiet ta' data imħaddma mill-Istati Membri.

3. L-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri m’għandhomx ikollhom aċċess onlajn dirett għal bażijiet ta' data ta’ rekords kriminali ta’ Stati Membri oħra.

4. Is-softwer u l-bażijiet ta' data li jaħżnu, jibagħtu u jirċievu informazzjoni estratta minn rekords kriminali għandhom joperaw taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

5. L-infrastruttura għal komunikazzjoni komuni għandha topera taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Din għandha tilħaq ir-rekwiżiti ta’ sigurtà neċessarji u tilħaq b’mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-ECRIS.

6. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-softwer imsemmi fil-paragrafu 1, sapport ġenerali u assistenza teknika, inkluż il-ġbir u t-tfassil tal-istatistika.

7. Kull Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu li jirriżultaw mill-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni tal-bażi ta' data ta’ rekords kriminali tiegħu u s-softwer imsemmi fil-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tħallas l-ispejjeż li jirriżultaw mill-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, l-użu, l-manutenzjoni u l-iżvilupp futur tal-infrastruttura ta’ komunikazzjoni komuni ta’ ECRIS, flimkien mal-implimentazzjoni u l-iżvilupp futur ta’ softwer ta’ interkonnessjoni u s-softwer imsemmi fil-paragrafu 1.”;

(11) jiddaħħal l-artikolu segwenti:

*"Artikolu 11b*

**Atti ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-atti ta’ implimentazzjoni segwenti:

(a) il-format standardizzat imsemmi fl-Artikolu 11(3), inkluż fir-rigward ta’ informazzjoni dwar ir-reat li jwassal għal kundanna u informazzjoni dwar il-kontenut tal-kundanna;

(b) ir-regoli li jirrigwardaw l-implimentazzjoni teknika tal-ECRIS, l-index-filter imsemmi fl-Artikoli 4a u 4b u l-iskambju ta’ marki tas-swaba’;

(c) kull mezz ieħor biex jiġu organizzati u ffaċilitati l-iskambji ta’ informazzjoni dwar kundanni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri, inkluż:

(i) il-mezz biex jiġi ffaċilitat il-fehim u t-traduzzjoni awtomatika ta' informazzjoni trażmessa;

(ii) il-mezz li bih informazzjoni tista' tiġi skambjata b'mod elettroniku, b'mod partikolari fir-rigward ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jridu jintużaw u jekk ikun hemm bżonn kull proċedura ta' skambju applikabbli.

2. L-atti ta' implimentazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 12a(2).";

(12) jiddaħħal l-artikolu segwenti:

*"Artikolu 12 a*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26].

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(13) jiddaħħal l-artikolu segwenti:

*"Artikolu 13 a*

**Rapportar mill-Kummissjoni u rieżami**

1. Sa [24 xahar wara l-implimentazzjoni], il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jevalwa l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni Qafas, inkluż l-implimentazzjoni teknika.

2. Ir-rapport għandu jinkludi, fejn xieraq, proposti leġiżlattivi rilevanti.

3. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippublikaw b'mod regolari rapport dwar l-iskambju, permezz ta' ECRIS, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali bbażat b'mod partikolari fuq l-istatistika msemmija fl-Artikolu 11a(6). Dan ir-rapport għandu jkun ippublikat għall-ewwel darba sena wara li jkun sottomess ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.".

*Artikolu 2*

**Sostituzzjoni ta' Deċiżjoni 2009/316/ĠAI**

Id-Deċiżjoni 2009/316/ĠAI qed tiġi sostitwita fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, bla preġudizzju għall-obbligi ta' dawk l-Istati Membri fir-rigward tad-data tal-implimentazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni fil-liġi nazzjonali.

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [12-il xahar wara l-adozzjoni]. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-alterazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 11(5) sa [12-il xahar wara l-adozzjoni].

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu japplika minn [*id-data għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*]

*Artikolu 5*

**L-indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/metodi ta’ ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[27]

| | | |
|---|---|---|
| Qasam politiku | 33 | Ġustizzja u Konsumaturi |
| Attività ABB | 33 03 | Ġustizzja |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[28]

✓ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estenzjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għan(ijiet)

*1.4.1. Għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

- Li ttejjeb il-funzjonament ta' qasam komuni ta' sigurtà u ġustizzja billi ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni f'materji kriminali fir-rigward ta' TCN.
- Li tnaqqas il-kriminalità u trawwem il-prvenzjoni tal-kriminalità (anki fir-rigward tat-terroriżmu).
- Li tassigura t-trattament indaqs tat-TCN u taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward ta' skambju effiċjent ta' informazzjoni ta' rekords kriminali.

*1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati*

Għan speċifiku

- Li żżid l-iskambji ta' informazzjoni ta' rekords kriminali fir-rigward ta' TCN permezz ta' ECRIS.

Attività/ajiet konċernata/i ABM/ABB

Attività N° 33 03

27 ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
28 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

*Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Din l-inizjattiva mistennija tipprovdi mekkaniżmu komuni li jimmira lejn skambju ta' informazzjoni standardizzat, rapidu, koordinat u effiċjenti bejn l-Istati Membri. Dan l-objettiv li jkun hemm mekkaniżmu komuni għall-iskambju ta' kundanni kriminali ma jistax jinkiseb bl-Istati Membri waħedhom iżda jeħtieġ azzjoni kollettiva mill-Istati Membri kollha. Wieħed ma jistax jistenna li azzjoni mhux koordinata fil-livell ta' Stat Membru tipproduċi effetti suffiċjenti ta' skala li jegħlbu n-nuqqasijiet tal-użu preżenti tas-sistema.

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Kejl tal-livell ta' skambji ta' rekords kriminali ta' TCN kif imqabbla mal-għadd ta' kundanni għal TCN u TCN ikkundannati.

## 1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Implimentazzjoni ta' mekkaniżmu tekniku li se jżid l-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali permezz ta' ECRIS fir-rigward ta' TCN.

### 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Din l-inizjattiva mistennija tipprovdi mekkaniżmu komuni li jimmira lejn skambju ta' informazzjoni standardizzat, rapidu, koordinat u effiċjenti bejn l-Istati Membri jeħtieġ azzjoni konkreta. Dan l-objettiv ma jistax jinkiseb bl-Istati Membri waħedhom iżda jeħtieġ azzjoni kollettiva mill-Istati Membri kollha. Wieħed ma jistax jistenna li azzjoni mhux koordinata fil-livell ta' Stat Membru tipproduċi effetti suffiċjenti ta' skala li jegħlbu n-nuqqasijiet tal-użu preżenti tas-sistema.

### 1.5.3. *Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-ECRIS kienet stabbilita b'suċċess fi żmien xieraq f'April 2012. L-intenzjoni hi li jiġu applikati l-aħjar prattiċi.

### 1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Ara l-paragrafi hawn fuq "Konsistenza ma' politiki eżistenti u politiki oħrajn tal-Unjoni". It-titijib tal-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali permezz ta' ECRIS ma jistax jiġi sostitwit b'xi strumenti oħrajn tal-iskambju ta' informazzjoni msemmija fl-aġenda (bħal pereżempju SIS II, Prüm u Eurodac) billi dawn huma maħsuba biex iservu skopijiet differenti.

**1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju**

☐ Proposta/inizjattiva ta' **dewmien limitat**

– ☐ ☐Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ ☐Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

✓ Proposta/inizjattiva ta' **dewmien illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2017 sal-2018,

– u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

**1.7. Metodu/metodi ta' ġestjoni ppjanat(i)**[29]

✓ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ ☐mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi l-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja jitħallef f'idejn:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi li huma nnominaw;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tad-dritt pubbliku;

– ☐ korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni tas-servizz pubbliku li tkun li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| - |

[29] Dettalji ta' metodi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jista' jinsab fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-programmm hu ppjanat f’konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda u l-proċeduri amministrattivi tal-Kummissjoni. Il-monitoraġġ se jinkludi r-rapportar annwali lill-kumitat ta’ ġestjoni dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati.

### 2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Se jkun stabbilit proċess ta’ mmaniġġjar tar-riskju kontinwu, taħt l-Awtorità maniġerjali tal-Programm.

#### *2.2.2. Tagħrif li jikkonċerna l-istabbiliment tas-sistema ta’ kontroll intern*

Metodi ta’ kontroll eżistenti applikati mill-Kummissjoni jkopru approprjazzjonijiet taħt il-Programm.

#### *2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta’ żball*

Huwa previst għadd kbir ta’ mekkaniżmi ta’ kontroll amministrattivi u finanzjarji. Il-Programm se jkun implimentat permezz ta’ għoti ta’ kuntratt skont ir-regoli u l-proċeduri fir-Regolament Finanzjarju.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri eżistenti jew ippjanati ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni.*

Ir-regoli u l-proċeduri tal-għoti ta’ kuntratt japplikaw tul il-proċess; dawn jinkludu:

– Twaqqif tal-programm ta’ ħidma, bla ħsara għall-opinjoni tal-kumitat ta’ ġestjoni, b'mumenti importanti (milestones) għar-rilaxx ta’ fondi biex tiġi żgurata l-kontrollabbiltà tal-kisbiet u l-ispejjeż;

– Abbozzar xieraq ta’ speċifikazzjonijiet tat-tender biex tiġi żgurata l-kontrollabbiltà tal-kisba tar-riżultati meħtieġa u tal-ispejjeż imġarrba;

– Analiżi kwalitattiva u finanzjarja tal-offerti;

– Involviment ta' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni matul il-proċess;

– Verifika tar-riżultati u eżaminazzjoni tal-fatturi qabel il-pagament, f’diversi livelli; u

– Awditjar intern.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-QFP | Linja baġitarja | Tip ta'nfiq | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[30] | minn pajjiżi tal-EFTA[31] | minn pajjiżi kandidati[32] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 33 03 02<br>Iffaċilitar u appoġġ għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali | Diff. | LE | LE | LE | LE |
| 5 | 33 01 01<br>Tip ta' nefqa relatata mal-uffiċjali u l-persunal temporanju fil-qasam ta' politika tal-Ġustizzja u l-Konsumaturi | Mhux Diff. | LE | LE | LE | LE |

[30] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[31] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[32] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3 | Sigurtà u Ċittadinanza |
|---|---|---|

| **DĠ Ġustizzja u Konsumaturi** | | | 2017[33] | 2018 | 2019 | 2020 | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja: 33 03 02[34] | Impenji | (1) | 3,247 | 3,381 | 1,602 | 1,602 | | | | **10,232** |
| | Pagamenti | (2) | 1,624 | 3,314 | 3,942 | 1,802 | | | | **10,681** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[35] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja: | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet għad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi** | Impenji | =1+3 | 3,247 | 3,381 | 1,602 | 1,602 | | | | **10,232** |
| | Pagamenti | =2+3 | 1,624 | 3,314 | 3,942 | 1,802 | | | | **10,681** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet | Impenji | (4) | 3,247 | 3,381 | 1,602 | 1,602 | | | | **10,232** |

33 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

34 L-ispejjeż tal-Istati Membri għall-estrazzjoni ta' informazzjoni ta' identifikazzjoni jistgħu jkunu kkompensati b'fondi tal-UE taħt il-forma ta' kofinanzjament. Barra dan billi xi Stati Membri għadhom mhux qed jiskambjaw l-informazzjoni permezz tal-ECRIS, xi finanzjament tal-UE jista' jiġi maħsub biex jaġġornaw is-sistemi nazzjonali tagħhom. Mill-2019 'il quddiem, l-ispejjeż għall-manutenzjoni huma vvalutati li jistabbilizzaw f'0,602 miljun kull sena.

35 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| operattivi | Pagamenti | (5) | 1,624 | 3,314 | 3,942 | 1,802 | | | | **10,681** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | | | | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 3** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 3,247 | 3,381 | 1,602 | 1,602 | | | | **10,232** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 1,624 | 3,314 | 3,942 | 1,802 | | | | **10,681** |

**Jekk iktar minn intestatura waħda tkun affettwata mill-proposta/inizjattiva:**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: Ġustizzja u Konsumaturi | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0,198 | 0,198 | 0,066 | 0,066 | | | | **0,528** |
| • Infiq amministrattiv ieħor | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | | | | **0,000** |
| **L-AMMONT TOTALI DĠ tal-Ġustizzja u Konsumaturi** | Approprjazzjonijiet | 0,198 | 0,198 | 0,066 | 0,066 | | | | **0,528** |

| | | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0,198 | 0,198 | 0,066 | 0,066 | | | | **0,528** |

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | 2017[36] | 2018 | 2019 | 2020 | | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 3,445 | 3,579 | 2,068 | 1,668 | | | | **10,760** |
| | Pagamenti | 1,822 | 3,512 | 4,008 | 1,868 | | | | **11,209** |

36 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ✓ ✓Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika objettivi u prestazzjonijiet** ⇩ | | | 2017 | | 2018 | | 2019 | | 2020 | | | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[37] | Kost medju | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU skont il-paragrafu 1.4.2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Li jiżdiedu l-iskambji tal-ECRIS fir-rigward tat-TCN | | | | 3,247 | | 3,381 | | 2,002 | | 1,602 | | | | | | | | **10,232** |
| Sottototal għal objettiv speċifiku | | | | 3,247 | | 3,381 | | 2,002 | | 1,602 | | | | | | | | **10,232** |
| **KOST TOTALI** | | | | 3,247 | | 3,381 | | 2,002 | | 1,602 | | | | | | | | **10,232** |

[37] Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu fornuti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ✓ ✓Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | 2017[38] | 2018 | 2019 | 2020 | | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,198 | 0,198 | 0,066 | 0,066 | | | | **0,528** |
| Infiq amministrattiv ieħor | | | | | | | | |
| **Sottototal għall-INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **Barra mill-INTESTATURA 5[39]tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Infiq ieħorta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Sottototalbarra mill-INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,198** | **0,198** | **0,066** | **0,066** | | | | **0,528** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

38 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

39 L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u l-infiq li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ✓ ✓Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time*

| | | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **•Karigi fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) - **AD** | | 1.5 | 1.5 | 0.5 | 0.5 | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti ta' ingaġġ Full Time: EFT)**[40] | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"finanzjament globali") | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [41] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika liema) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **1.5** | **1.5** | **0.5** | **0.5** | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Il-postijiet tal-AD jkopru l-ġestjoni tal-Programm: elaborazzjoni tax-xogħol Il-programm, il-ġestjoni tal-baġit, il-ġestjoni tas-sejħiet pubbliċi għal offerta/i assoċjat mal-eżekuzzjoni tal-Programm, il-ġestjoni tal-kuntratt assoċjat mal-eżekuzzjoni tal-Programm, segwitu ta' proġetti, kuntatt ma' Servizzi tal-Kummissjoni u esperti tal-Istati Membri, organizzazzjoni tal-laqgħat, workshops u konferenzi tal-esperti. |
| Persunal estern | |

40 AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal ta' aġenzija; JED= Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

41 Sublimitu massimu, għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (dawk li kienu linji "BA").

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ✓ ✓Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva se teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega dak li hemm bżonn, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– ✓ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għal kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena**N** | Sena**N+ 1** | Sena**N+ 2** | Sena**N+ 3** | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ✓ ✓Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ ☐fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ ☐fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| L-intestatura tad-dħul baġitarju: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/inizjattiva[42] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena**N** | Sena**N +1** | Sena**N +2** | Sena**N+3** | Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għall-introjtu mixxellanju "assenjat", speċifika liema linji baġitarji tal-infiq ġew affettwati.

| |
|---|
| |

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq l-introjtu.

| |
|---|
| |

42 Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % għal kostijiet ta' ġbir.